**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 29/2020 DC**

***Nemea Bank p.l.c. (C-45026)***

***vs***

***Mikko Pyykko detentur tal-passaport Finlandiż bin-numru 16856779; u Helenda Lindfors detentriċi tal-passaport Finlandiż bin-numbru PT 4602628 u b'digriet tas-27 ta' Jannar, 2021 l-Avukat Dr. Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta Helenda Lindfors.***

Illum, 26 ta' Ġunju, 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta' Jannar 2020 minn Nemea Bank p.l.c. permezz ta' liema ppremetta s-segwenti:-

1. *Illi l-Bank rikorrenti kien liċenzjat sabiex iforni servizzi bankarji f'Malta ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta);*

2. *Illi l-Bank rikorrenti fis-sbatax (17) ta' Diċembru 2014 daħal mal-konvenuti, (i) Mikko Pyykko detentur tal-passaport Finlandiż bin-numru 16856779 u (ii) Helena Lindfors detentriċi tal-passaport Finlandiż bin-numru PT 4602628 f'Loan Agreement datat 17 ta' Diċembru 2014 (Dokument anness u mmarkat 'DOK NB1') flimkien mat-Term Sheet datata tmienja (8) ta' Diċembru 2014 liema Term Sheet kuntrattwalment tifforma parti mill-Loan Agreement (Dokument ukoll hawn anness u mmarkat 'DOK NB2');*

3. *Illi permezz tal-imsemmi Loan Agreement il-Bank rikorrenti kkonċeda faċilitajiet bankarji lill-konvenuti sa massimu ta' mija ħamsa u ħamsin elf ewro (EUR 155,000) skont it-termini, il-kundizzjonijiet u l-garanziji dettaljati*

*kontenuti fl-istess Loan Agreement u t-Term Sheet. Fuq din il-faċilita' il-konvenuti kienu garanti in solidum ai termini tal-liġi applikabbli għall-kuntratt;*

4. *Illi l-konvenuti jew min minnhom ġibdu l-ammont indikat fil-faċilita' bankarja u dan skond id-Drawdown Request datat sbatax (17) ta' Diċembru 2014 (hawn anness u mmarkat bħala 'Dok NB3'), liema Drawdown Request ġie kkonfermat mill-konvenuti;*

5. *Illi l-konvenuti jew min minnhom ħallsu l-ammont ta' dsatax -il elf tlett mija ħamsa u sebgħin ewro (€19,375) bħala principal tal-loan u dan kif evidenti mill- 'List of transfers to/from Mikko Pyykko and Helena Johanna Lindfors loan facility' hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK NBA4'. B'hekk l-ammont dovut tal-principal ai termini Loan Agreement huwa ta' mija u ħamsa u tletin elf sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€135,625) u dan kif evidenti mis-Statement of outstanding loan amounts hawn anness u mmarkat bħala 'DOK NB5';*

6. *Illi l-konvenuti jew min minnhom ai termini ta' klawżola numru 3 tal-Loan Agreement huma obbligati li jħallsu l-interessi fuq il-principal. Illi sal-10 ta' Jannar 2020, u ċioe` d-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors ġuramentat, l-Bank rikorrenti hu dovut mingħand il-konvenuti l-ammont ta' sittax il-elf Ewro ħames mija tnejn u tmenin u wieħed u tletin ċenteżmu (€16,582.31) u dan kif evidenti mid-DOK NB5;*

7. *Illi l-konvenuti jew min minnhom naqsu milli jħallsu l-ammonti dovuti minnhom u b'hekk kisru waħda jew aktar mit-termini u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet imsemmija inkluż il-klawżoli numru 5 u 6 tal-Loan Agreement u l-klawżoli korrispondenti fit-Term Sheet;*

8. *Illi tali inadempjenza tat lok għal event of default ai termini tal-Klawżola numru 12 tal-Loan Agreement u kien għalhekk illi fit-tmintax (18) ta' Ġunju 2018 il-Bank rikorrent skatta l-mekkaniżmu kuntrattwali kontemplat u maqbul bejn il-partijiet u b'hekk bagħat liż-żewġ konvenuti "Notice for Payment regarding Loan to Mikko Sakari Pyykko and Helena Johanna Lindfors as per Loan Agreement dated 17 December 2014" hawn anness u mmarkat bħala 'DOK NB6';*

9. *Illi permezz tal-imsemmi avviż il-Bank rikorrent intima lill-konvenuti Mikko Pyykko u Helena Lindfors is-segwenti:*

> *"Accordingly through this letter, the Bank is (i) declaring that the Loan, all interest accrued and all other sums payable by you under the Loan Agreement and/or the Term Sheet are immediately due and payable;*

> *(ii) terminating all or any obligations of the Bank under the Loan Agreement and/or the Term Sheet; and (iii) therefore calling you to pay forthwith to the Bank the sum of one hundred forty two thousand one hundred sixty four Euro and sixty cent (€142,164.60), as set out in the attached Schedule A, together with interest until date of effective payment."*

10. *Illi minkejja li dan l-avviż ġie debitament notifikat fuq il-konvenuti ai termini ta' klawżola numru 14.1 tal-Loan Agreement (ara hawn anness u mmarkat bhala 'DOK NB7') il-konvenuti, jew min minnhom, baqgħu sal-lum inadempjenti u hija għal din ir-raġuni li kellha ssir din il-kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti li hija l-Qorti kompetenti li tisma' tali vertenza ai termini tal-klawżola numru 16.2 tal-istess Loan Agreement;*

U wara li hekk ippremetta, il-Bank attur talab lil din l-Onorabbli Qorti:-

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi li seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet/ kundizzjonijiet imsemmija fil-Loan Agreement u/jew Term Sheet li jifforma parti mill-Loan Agreement, partikolarment iżda mhux limitatament billi l-konvenuti Mikko Pyykko u Helena Lindfors naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lill-Bank rikorrent kif stipulat u kuntrattwalment pattwit bejn il-partijiet u/jew peress il-konvenuti kienu inadempjenti f'obbligi oħrajn assunti minnhom fil-konfront tal-istess Bank Rikorrent;*

ii. *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment jew mod ieħor bejniethom iħallsu lill-Bank attur Nemea Bank plc is-somma ta' mija u ħamsa u tletin elf sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€135,625) ai termini tal-Loan Agreement datat sbatax (17) ta' Diċembru 2014, t-Term Sheet datata tmienja (8) ta' Diċembru 2014, u l-Statement of outstanding loan amounts datat 10 ta' Jannar 2020, flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-għoxrin (20) ta' Ġunju 2017 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti jew min minnhom.*

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-23 ta' Frar 2021 tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Mark A. Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Gillian Muscat permezz ta' liema eċċepew li m'humiex edotti mill-fatti u għalhekk irriżervaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.

Rat li l-konvenut Mikko Pyykko debitament notifikat bir-rikors ġuramentat[1] baqa' ma preżentax risposta ġuramentata.

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2023 mill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef permezz ta' liema  din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet il-provi tal-bank attur.

Rat l-atti proċesswali, inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur[2].

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur daħal f'kuntratt ta' self mal-konvenuti in solidum, datat 17 ta' Diċembru 2014, għas-somma ta' mija ħamsa u ħamsin elf Euro (€155,000). Kopji ta' dan il-kuntratt huma esebiti[3]. L-ebda waħda minn minnhom m'hi ffirmata mill-bank attur, pero' it-tnejn huma ffirmati miż-żewġ konvenuti. Minkejja li l-konvenuti ma xehdux u ma kkonfermawx il-firma tagħhom fuq dan id-dokument u fuq dokumenti oħra esebiti u marbuta ma' dan is-self, il-Qorti qed taċċetta l-firem  bħala l-firem tal-konvenuti, dan  għaliex ma nġabet l-ebda prova kuntrarja  u aktar minn hekk mill-atti ma jirrizulta xejn  li seta' jikkrea dubbju dwar  l-awtentiċita' ta' dawn il-firem. Rigward l-involviment tal-bank f'dan il-kuntratt, u minkejja li m'hemm l-ebda firma f'ismu fuq il-kopji preżentati, l-involviment tal-bank attur jirriżulta sia mix-xhieda ta' Fabio Axisa[4] u sia mix-xhieda ta' Dr Michael Ellul Sullivan[5]. Dr Ellul Sullivan b'mod partikolari  jgħid li  jiftakar li seħħ dan is-self u li l-flus, madwar mija u ħamsin elf Ewro (€150,000), kienu għaddew lill-konvenuti  u jiftakar ukoll li l-konvenuti kienu ħallsu lura parti żgħira mis-self mogħti lilhom.

Illi l-kundizzjonijiet ta' dan is-self kienu jistipulaw li kellu jsir ħlas lura ta' 2.5% tas-somma msellfa kull sitt xhur flimkien mal-imgħax bir-rata ta' 5%. Aktar minn hekk f'każ li d-debituri jaqgħu lura f'xi pagament, il-bank attur seta' jiddikjara l-faċilita' ta' self bħala mitmuma u jitlob li titħallas lura s-somma kollha[6].

Illi mill-atti jirriżulta li l-konvenuti ġibdu s-somma ta' mija ħamsa u ħamsin elf Ewro (€155,000) nhar id-19 ta' Diċembru 2014, u għamlu il-paġamenti patwieti tul sentejn, bejn id-29 ta' Ġunju 2015 u d-19 ta' Ġunju 2017, b'mod regolari. Sa dik id-data kienu ħallsu lura dsatax il-elf tlett mija u ħamsa u sebgħin Ewro (€19,375) mill-kapital u tmintax il-elf sitt mija u tnejn u sebgħin Ewro u ħdax il-

[1] Ref degriet mgħoti fis-26 ta' Ottubru 2020 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta (fol 92).
[2] Il-konvenuti ma preżentawx nota ta' sottomissjonijiet.
[3] Dok NB1 a fol 14; kopja oħra hija esebita a fol 194.
[4] A fol 145.
[5] A fol 187.
[6] Ref Term Sheet a fol 25.

ċenteżmu (€18,672.11) mill-imgħax dovut[7]. Wara din id-data m'għamlux aktar pagamenti.

Illi jirriżulta li wara d-19 ta' Ġunju 2017 il-konvenuti ma ħallsu xejn iktar mill-ammont misluf lilhom mill-attur, la kapital u lanqas imgħax. Għalhekk skatta l-mekkaniżmu previst fil-kuntratt tas-self fil-klawsola 12.1[8], kif ukoll kif muri fit-*Term Sheet*[9], u għalhekk l-bilanċ tas-somma mislufa u l-imgħax fuqha ġew dovuti f'daqqa.

Illi rriżulta li permezz ta' ittra datata 18 ta' Ġunju 2018[10] il-Bank attur bagħat javża lill-konvenuti li seħħet *an event of default* u għalhekk talabhom iħallsu l-bilanċ tal-kapital u l-imgħax. Pero' ma sar l-ebda ħlas mill-konvenuti minn dakinhar lil hawn u għalhekk l-attur kellu jibda dawn il-proċeduri. Ix-xhud Fabio Axisa spjega fl-affidavit tiegħu[11] li din il-kawża kellha ssir minnu bħala amministratur tal-bank, maħtur mill-Awtorita' Maltija għas-Servizzi Finanzjarji biex jassumi kontroll ta'l-assi tal-Bank attur b'mod li jiġu mħarsa l-investimenti u l-interessi tal-klijenti tal-bank. Ix-xhud esebixxa wkoll diversi *payment requests* li l-bank bagħat lill-konvenuti sa minn Diċembru 2014; kif intqal inizjalment il-pagamenti kienu jsiru pero wara Ġunju 2017 waqfu.

Illi mill-atti jirriżulta li mill-20 ta' Ġunju 2017 sa meta ġie ippreżentat ir-rikors promutur fl-10 ta' Jannar 2020 il-konvenuti kienu morużi fil-ħlas ta' kapital f'l-ammont ta' mija ħamsa u tlettin elf, sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€135,625) u imgħax ta' sittax il-elf ħames mija u tnejn u tmenin Ewro u wieħed u tlettin ċenteżmu (€16,582.31), għal total ta' mija tnejn u ħamsin elf mitejn u sebgħa Ewro u wieħed u tlettin ċenteżmu (€152,207.31).[12]

Illi pero skond rendikont ieħor preżentat minn Michael Spiteri Bailey jidher li l-ammont dovut sas-7 ta' Marzu 2022 kien jammonta għal total ta' mija ħamsa u sittin elf tlett mija u erbgħa u ħamsin Ewro u tnejn u tlettin ċenteżmu (€165,354.32) li minnhom mija ħamsa u tlettin elf, sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€135,625) hu kapital u disgħa u għoxrin elf sebgħa mija u disgħa u għoxrin Ewro (€29,729.32) huma imgħax. L-ammont dovut tela' għal mija sebgħa u sittin elf mitejn u tnejn u għoxrin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€167,222.93) sat-28 ta' Ġunju 2022[13].

Illi skond l-ahhar prospett preżentat[14] is-somma li għandha tkun dovuta sad-data tal-għoti tas-sentenza tkun tammonta għal mija tlieta u sebgħin elf mitejn u disgħa

[7] Ref rendikont Dok NB4 a fol 31
[8] A fol 19/20.
[9] Dok NB2 a fol 25.
[10] Dok NB6 a fol 33.
[11] A fol 145.
[12] Ref l-istess rendikont Dok NB4 a fol 31.
[13] Dok MSB3 a fol 218.
[14] Dok MSB6 a fol 243.

u sebgħin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€173,279.23) u li hi magħmula minn mija ħamsa u tlettin elf, sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€135,625) kapital u sebgħa u tlettin elf sitt mija u erbgħa u ħamsin Ewro u tlieta u għoxrin centeżmu (€37,654.23) imgħax mill-20 ta' Ġunju 2017 sas-26 ta' Ġunju 2023.

Illi dawn il-fatti jirriżultaw ampjament mill-provi tal-bank attur u mhumiex kontradetti mill-konvenuti. Konsegwentement it-talbiet attriċi għandhom jiġu milqugħa.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1) **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li seħħew waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-*Loan Agreement* u/jew *Term Sheet* li jifforma parti mill-*Loan Agreement*, partikolarment iżda mhux limitatament billi l-konvenuti Mikko Pyykko u Helena Lindfors naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lill-attur Nemea Bank kif stipulat u kuntrattwalment pattwit bejn il-partijiet, u hekk il-bilanċ tas-self u l-imgħax ġew dovuti kollha.

2) **Tilqa' t-tieni talba u** tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu lill-Bank attur Nemea Bank plc is-somma ta' mija u ħamsa u tletin elf sitt mija u ħamsa u għoxrin ewro (€135,625) ai termini tal-*Loan Agreement* datat sbatax (17) ta' Diċembru 2014, flimkien mal-imgħax li sad-data ta' din is-sentenza jammonta għal sebgħa u tletin elf, sitt mija erbgħa u ħamsin Euro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (€37,654.23) flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**